MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2014

Appell Kriminali Numru. 296/2013

Il-Pulizija

Vs

Leon Caruana

Illum, 10 ta' Lulju, 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Leon Caruana, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 637382M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fis-26 ta' Awwissu, 2012 ghall-habta ta' 13:55hrs waqt li kien gewwa l-port ta' Birzebbugia saq speed boat, bin-numru ta' registrazzjoni S-18899, jew xi ingenju iehor tal-bahar li jithaddem bil-mutur bi speed ta' iktar minn 10 knots f'xi port u cioe' gewwa l-Port il-Kbir u dan bi ksur ta' Reg 25(a) SL 499.52.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq, halla jew ippermetta li tinstaq kwalunkwe bastiment zghir li jahdem bil-mutur b'velocita li, fic-cirkostanzi partikolari, x'aktarx ikun ta' periklu ghall-hajja jew jista jikkaguna korriment jew

iwassal ghal xi kollizjoni u dan bi ksur tar-Reg 26 u Reg 45 tat-Tielet Skeda, L.S. 499.52.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, meta hadd m'ghandu jsur xi bastiment zghir li jahdem bil-mutur, jew jirmonka kwalunkwe persuna biex tiskija fuq il-bahar, fl-ibhra interni u territorjali ta' Malta kemm il-darba ma jkollux licenzja nawtika mahruga mill-Awtorita', u jkun kopert b'polza tal-assigurazzjoni ghal dak l-ammont li jigi approvat mill-Awtorita' li jkun jindennizza lil dik il-persuna, dawk il-persuni jew klassijiet ta' persuni hekk kif jistghu jigu awtorizzati u koperti bil-polza kontra kull responsabbilita li jistghu ikollhom dawk il persuni jew klassijiet ta' persuni ghar-rigward ta' xi mewt jew feriment ta' persuna jew hsara lil propjeta ta' terzi kagunati mill-bastiment zghir li jahdem bil-mutur jew mill-uzu tieghu, jew taht il-kondizzjonijiet specifici stipulati fir-regolament 36, u dan bi ksur ta' SL499.53, Reg48(6)(c).

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel skijar fuq il-bahar f'post ipprojbit u cioe' gewwa Port u dan f'inqas minn 200 metru l-boghod mill-blat u dan bi ksur ta Reg 28(1)(2) ta' SL 499.52.

F'kaz ta' htija il-Qorti giet mitluba biex tirrevoka l-licenzja nawtika ghal dak iz-zmien li jidrilha xieraq fil-konfornt tal-persuna msemmija.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fit-12 ta' Gunju, 2013, fejn il-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 25(a) SL 499,52, SL 499,53, Reg. 29, Reg. 48(6)(c) u Reg 28(1)(2) ta' SL 499,52 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-imputat hati tal-ewwel u t-tieni akkuzi u lliberatu minnhom. Sabithu hati tat-tielet (3) u r-raba' (4) akkuzi u kkundannatu ghal multa ta' erbghat elef, sitt mija u sittin Ewro (€4660) u ordnat l-iskwalifika tal-licenzja nawtika ghal-sena. Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lil hati.

Rat ir-rikors tal-appell ta' l-imsemmi Steven Joe Gafa', pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-24 ta' Gunju, 2013, fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata msemmija moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-12 ta' Gunju, 2013 fil-kawza fl-istess ismijiet premessi billi:

1. tikkonfermaha in kwantu ddikjarat lill-esponent mhux hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet u lliberatu minhhom, u

2. tirrevokaha in kwantu sabithu hati tal-ahhar zewg imputazzjonijiet u tiddikjarah mhux hati ukoll anki ta' dawna l-imputazzjonijiet – u bhekk l-esponent jigi ddikjarat hieles minn kwalunkwe mputazzjoni u piena.
3. Subordinatament, u bla pregudizzju ghat-talba precedenti, l-esponenti jitlob li f'kaz ta' konferma ta' htija 'in toto' jew 'in parte' din l-Onorabbli Qorti joghgogha tapplika fil-konfront tieghu piena ehfef jew titratta mieghu xorta' ohra b'mod, senjament, li titnehhielu l-iskwalifika tal-licenzja nawtika inflitta mill-Ewwel Qorti.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

L-Ewwel Aggravju jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti ma messha sabet lill-esponent hati ta' ebda wahda mill-imputazzjonijiet dedotti kontrih u dana ghar-ragunijiet li ser jigu spjegati hawn taht:

i. Illi l-imputazzjonijiet jirreferu ghal incident li gara nhar is-26 ta' Awwissu, 2012 f'zewg postijiet differenti: L-akkuza l-ewwel tghid li l-incident gara' gewwa l-Port ta' Birzebbugia u mbghad tghid li gara gewwa l-Port il-Kbir li mhumiex l-istess port peress illi l-Port il-Kbir huwa l-Port tal-Belt Valletta. Ghalhekk hemm kontradizzjoni lampanti ghar-rigward tal-post tal-akkadut, u konsegwentement l-imputazzjonijiet ma jirrizultawx kif dedotti (Ara 'Il-Pulizija vs Francesco sive Godwin Scerri' – Appell Kriminali/DS, 18 ta' April, 2012).

ii. Illi fir-rigward tar-raba imputazzjoni l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti li rrizultawlha u dana peress illi ma rrizultatx li l-esponent kien qed jiskija fuq il-bahar gewwa port u dana f'inqas minn 200 metru il-boghod mill-blat. Huwa kien qed isuq speed boat, bi speed baxx, u jirmonka Ringo li huwa tyre kbir tal-lastiku li fuqu kien hemm sid l-ispeed boat. Huma kienu fi triqithom lejn il-bajja tal-Hofriet, taht Dellimara. Apparti l-fatt li l-esponent ma kienx fuq ir-Ringo, wiehed ma jistax jiskija b'ringo li biex taghmel hekk jirrikjedi certa speed qawwi u la darba l-Ewwel Qorti ma rrizultaliex speed eccessiv tant li lliberat lill-esponent mill-ewwel zewg imputazzjonijiet hija kellha tilliberah ukoll mir-raba' imputazzjoni.

iii. Ghar-rigward tat-tielet imputazzjoni, l-Ewwel Qorti strahet biss fuq l-allegat nuqqas tal-esponent li kien minghajr licenzja nautika mahruga

mill-Awtoritaċ u minghajr polza ta' assigurazzjoni fuq dak li x-xhieda jghidul li qalilhom l-esponent. Il-Prosekuzzjoni kellha ggib l-ahjar prova u l-ahjar prova hi li ssir verifika mill-ufficju tal-licenzji ta' Transport Malta.

It-tieni aggravju jirrigwarda l-piena nflitta ta' multa ta' €4660 flimkien ma' skwalifika tal-licenzja nautika ghal zmien sena li hija wisq eccessiva meta tqis ic-cirkostanzi kollha partikolari ta' dan il-kaz fosthom illi:

i. Ma kienx hemm u ma rrizulta l-ebda speed eccessiv, u wisq anaqas ma kien hemm periklu ghall-hajja jew korriment. L-esponent kien ghaddej bi speed baxx qed jirmonka Ringo li kellu l-effett li jaghmel hafna rawha peress li bil-kobor tieghu kien qed jghafas l-isfel. Kien ghaddej minn fejn il-freeport biex jaqsam ghal Dellimara halli jiehdu daqxejn ta' 'clean fun' u jmorru jghumu fil-bajja tal-Hofriet.

ii. L-esponent ghandu d-delizzju tas-sajd li jghinu jibqa' l-boghod mill-hafna mbarazz li ghanna llum fit-toroq ta' Malta u skwalifika tal-licenzja nautika ghal zmien sena jfisser illi ser ikolu jaghmel sajf shih u oltre nieqes minn dan id-delizju tieghu.

iii. Ma jistghax, ghax gralu dan l-incident, l-esponent jitqies li hu 'a menace on the seas' dana li jimmeritah li jkun bhala 'driver off the seas' ghal sena shiha.

iv. L-esponent jippossjedi licenzja nautika mhallsa u jinsab kopert minn polza ta' assigurazzjoni.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Awwissu tal-elfejn u tnax (2012) ghal habta tas-saghtejn ta' waranofsinhar (2.00 p.m.) Keith Farrugia u PC 1438 E. Zerafa kienu qieghdin patrol fuq il-bahar fl-inhawi ta' Birzebbuga fejn hemmhekk innutaw opra tal-bahar illi kienet hierga mill-port b'velocità aktar minn ghaxar knots vicin il-vapuri illi kien hemm marbutin il-freeport. Wara din id-dghajsa kienet qed tingibed rota taht forma ta' skijar. Id-dghajsa tal-mudell Marinella kellha mutur 100 horsepower u registrata bin-numru S 18899. PC Zerafa u Keith Farrugia kellmu lil Leon Caruana, l-appellant, fl-istess port ta' Birzebbuga fejn dan ikkonferma maghhom illi kien ghaddej b'xi ghoxrin knots u ikkonferma li ma kellux licenzja nawtika. Sid id-dghajsa illi kellu tali licenzja kien qed jaghmel skiing banda ohra u ma setax jintervjeni jekk jinqala' xi haga fuq id-dghajsa fejn kien hemm l-appellant Leon Caruana.

Il-Pulizija qalu lill-appellant illi kienu se jressquh il-Qorti b'konnessjoni ma' dan l-incident u b'sentenza tat-tnax (12) ta' Gunju tal-elfejn u tlettax (2013) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati tat-tielet u r-raba' akkuza, ikkundannatu ghall-multa ta' erbat elef, sitt mija u sittin ewro (€4,660) u skwalifikatu milli jkollu licenzja ghal zmien sena. Iddikjarat ukoll illi ma kinitx qed issibu hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell il ghaliex deherlu illi l-ewwel Qorti ghamlet konsiderazzjoni tal-provi hazin. Dan il ghaliex l-imputazzjoni kienet tirreferi ghall-port ta' Birzebbuga mentri fil-fatt l-incident gara vicin il-freeport. Di più l-piena kienet eccessiva u s-sospensjoni tieghu tolqot serjament ix-xoghol li se jaghmel fis-sajf fuq il-bahar.

Ikkunsidrat:

Din il-kawza taqa' taht is-"Small Ships Regulations" fejn l-artikolu 25 u l-artikolu 28 jghidu illi ma jistax isir "water skiing" inqas minn mitejn metru (200 m) minn xi xatt. Kien l-appellant stess illi ikkonferma illi ma kellux licenzja nawtika u li kien qed isuq dghajsa ta' mitt horsepower b'anqas minn mitejn metru mix-xatt. Billi kien qieghed jirmonka tyre u mhux skis ma taghmilx differenza ghall-fini tal-ligi. L-appellant kien qed jirmonka xi haga ghal divertiment bhal skijar aktar minn ghaxar nodi u anqas minn mitejn metru mix-xatt. Kwindi, ghalhekk ghandu jwiegeb ghal dawn l-akkuzi.

Din il-Qorti ssib ghalhekk illi l-ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi din id-diskrezzjoni taghha tigi disturbata.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena l-Qorti ssib illi dik moghtija tidhol fil-parametri tal-ligi u ghalhekk mhux il-kaz illi din tigi disturbata. Huwa inutli illi l-appellant jghid illi l-ghejxien tieghu fis-sajf jiddependi minn dan l-isports tal-bahar u l-iskwalifika tal-licenzja se taffettwah hazin, din il-Qorti tirrileva illi f'dan il-kaz min jiddependi fuq licenzja ghal hobzu jmissu qaghad aktar attent billi jara illi ma jiksirx ir-regolamenti u dejjem jagixxi taht il-licenzja moghtija lilu u ma jistax issa jitlob xi privilegg aktar minn haddiehor illi josserva l-ligi f'kull cirkostanzi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta′ u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------